MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Rikors Numru. 180/2013

**The 2nd Agent Limited (C32126)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta` l-kumpannija The 2nd Agent Limited (C32126) ("ir-rikorrenti") li kienipprezentat fit-22 ta` Frar 2013 li jaqra hekk –

*Illi l-locus standi tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Artikolu 218 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Illi l-kumpannija The 2nd Agent Limited giet kostitwita fl-24 ta` Settembru 2003 u kopja ta` l-istatut tal-istess The 2nd Agrnt Limited jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok A.*

*Illi l-kumpannija rikorrenti tikkonferma illi fid-19 ta` Frar 2013 ittiehdet risoluzzjoni straordinarja ta` l-istess kumpannija rikorrenti The 2nd Agent Limited (Dok B) permezz ta` liema b`vot unanimu gie deciz li l-imsemmija kumpannija rikorrenti tigi stralcjata u xolta minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi din ir-rizoluzzjoni (Dok B) tal-kumpannija giet approvata mill-azzjonisti kollha ta` l-istess kumpannija u cioe` minn Donna Micallef (K.I. 215484M) illum mizzewga Borg, minn Anna Aquilina (K.I. 382884M) illum mizzewga Herrera u minn Paul Dalli (K.I. 427556M) u liema azzjonisti jirrizultaw mill-istess Memorandum & Articles of Association Dok B.*

*Illi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 galadarba l-kumpannija tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, il-kumpannija ghandha xxolji u konsegwentement tigi stralcjata u ghalhekk il-qorti ghandha tordna tali xoljiment u stralc.*

*Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini ta` l-Artikolu 219(2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta, in vista tal-fatt li ttiehdet rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija rikorrenti li din ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, tilqa` dan i-rikors u tordna illi l-kumpannija The 2nd Agent Limited (C32126) tigi xolta u konsegwentement stralcjata minn din l-Onorabbli Qorti u*

*dan abbazi ta` l-Artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotorju.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Marzu 2013.
Rat in-nota b`dokumenti li r-rikorrenti pprezentat fl-1 ta` April 2013.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` April 2013 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-lum fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti ta` dan il-procediment.

**Ikkunsidrat :**

**II. Dritt**

Bil-procediment tal-lum, qeghda ssir talba lil din il-Qorti mill-kumpannija The 2$^{nd}$ Agent Limited (C32126) sabiex tordna x-xoljiment u l-istralc taghha. Tiddikjara li l-*locus standi* taghha jirrizulta mill-**Art 218 tal-Kap 386**. Il-parti rilevanti ta` dan l-artikolu huwa s-subartikolu **(1)(a)** li jaqra hekk –

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*

*…*

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji.*

Fil-kaz tal-lum, il-procediment kien inizjat mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali. Ghalhekk il-procediment jinkwadra ruhu f`dak illi jipprovdi l-Art.218(1)(a) tal-Kap.386.

L-Art.218(1)(a) tal-Kap.386 jirreferi ghall-**Art.214(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*

*…*

*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Mela b`riferenza ghat-talba tar-rikorrenti kif dedotta, fil-kaz illi din il-Qorti tiddeciedi illi tordna l-istralc taghhaa, dik l-ordni tkun **preceduta** minn ordni ta` xoljiment.

Kien esebit mir-rikorrenti a fol 24 id-Dok B li jaqra hekk –

*In accordance with the Companies Act we the undersigned, being all the members of the company who, at the date of this resolution would be entitled to attane dna d vote at general meetings of the company, hereby unanimusly resolve upon the following resolution and agree that it shall be valid and effective as if it had been*

*passed as an extraordinary resolution at a general meeting of the company duly convened and held.*

*That the company be dissolved and consequently wound up by the court in accordance with the provisions of the Companies Act (Chap. 386 of the Laws of Malta).*

Ir-rizoluzzjoni ggib id-data tad-19 ta` Frar 2013 u hija ffirmata minn Donna Borg xebba Micallef, Anna Herrera xebba Aquilina u Paul Dalli.

Fil-21 ta` Marzu 2013, ir-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art.218(8)** tal-Kap.386.

Skond l-**Art 265(1**) tal-Kap 386, fit-28 ta` Marzu 2013 ir-rikorrenti kkonsenjat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-avviz li fid-19 ta` Frar 2013 kienet ittiehdet rizoluzzjoni straordinarja Dok B

L-**Art.214** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.
Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera s-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, it-talba qeghda ssir fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**)

ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhux jaghmlu talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Ghalkemm mhuwiex il-kaz tal-lum, is-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid **b`riserva**) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem **biss** dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) ***l-istralc*** huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

**III. Risultanzi**

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta li r-rikorrenti kienet registrata bin-Nru.C32126 fl-24 ta` Settembru 2003. Minn qari tal-*Memorandum* u l-*Articles of Association*, jirrizulta illi diversi kienu l-*objects* tal-kumpannija. Dak li pero` jidher li kien l-*object* principali huwa dak indikat fil-paragrafu (a) [fol 12] *to import, export or (re-export) purchase and sell by wholesale or retail or tender books, videos, ed`s, dvd`s and any allied educational products, educational aids and similar commodities.*

L-*Authorised Share Capital* tar-rikorrenti huwa *divided into one thousand Ordinary A Shares of Lm 1.00 each, one thousand Ordinary B Sahres of Lm 1.00 each,*

*one thousand Ordinary C Shares of Lm 1.00 each and one thousand Ordinary D Shares of Lm 1.00 each.*

Mill-bidu nett taghha sal-lum, l-azzjonisti tal-kumpannija baqghu l-istess. L-*issued share capital* huwa *fully subscribed and paid u.* Kull sehem ghandu valur ta` Lm 1.00. L-*issued share capital* huwa maqsum hekk : Donna Micallef (illum Borg) b`200 Ordinary A shares u 200 Ordinary B shares, Anna Aquilina (illum Herrera) b`200 Ordinary C shares u Paul Dalli b`200 Ordinary D shares. Fil-bidu, it-tliet azzjonisti kienu wkoll id-diretturi tal-kumpannija. Fit-30 ta` Gunju 2009, Anna Aquilina rrizenjat minn direttur u minn segretarju tal-kumpannija. Hames snin qabel u cioe` fil-15 ta` Mejju 2004, Paul Dalli kien irrizenja wkoll minn direttur. Ma jirrizultax illi Anna Aquilina u Paul Dalli kienu sostitwiti b`haddiehor. Il-*Memorandum* kien jipprovdi li l-kumpannija jkollha direttur wiehed (ara fol 14).

Ir-rizoluzzjoni straordinarja li skattat dan il-procediment kienet approvata mill-azzjonisti **<u>kollha</u>** waqt laqgha generali li saret fid-19 ta` Frar 2013. Kien ghalhekk sodisfatt l-Art 20 tal-*Articles of Association*.

Fl-affidavit taghha, Donna Borg Micallef tixhed illi l-iskop tal-kumpannija kien illi tidhol fis-suq tal-kotba tal-Universita` u Sixth Form billi tbiegh kotba *second hand* halli l-istudenti jiffrankaw il-flus. Fil-bidu, in-negozju qabad gmielu u kiber izda s-suq biz-zmien beda jinbidel ukoll fis-sens illi l-agenti tal-kotba godda bdew ikunu aktar aggressivi fil-kompetizzjoni bil-konsegwenza li l-bejgh naqas b`tali mod li minhabba l-*committments* li kellhom mal-bank, sab li kien ahjar li jaghlqu l-kumpannija. Mill-flus personali taghhom, l-azzjonisti hallsu d-dejn tal-bank. Minn taghha hija ghamlet hlasijiet versu l-pagi ta` l-impjegati u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Hallset ukoll spejjez ohra. Il-kumpannija waqfet topera ghal kollox fil-31 ta` Dicembru 2012.

Fl-affidavit taghha, Anna Marie Herrera xehdet illi fl-2007 bdiet tnaqqas il-kontribut attiv taghha fil-kumpannija sa ma rrizenjat minn direttur fl-2009. Riedet tittrasferixxi l-ishma taghha pero` dan kien problematiku minhabba l-garanzija li personalment kienet tat lill-bank biex il-kumpannija nghatat *overdraft.* In-negozju baqa` sejjer lura sa ma waqfet topera ghal kollox fl-2012. Hi u l-azzjonisti l-ohra hallsu lill-bank mill-flus personali taghhom.

Fl-affidavit tieghu, Paul Dalli jispjega illi meta n-negozju tal-kumpannija beda sejjer lura saru tentattivi biex il-kumpannija terga` tqum fuq saqajha pero` meta lejn l-ahhar tas-sajf tal-2012 kien evidenti li ma setghetx tirkupra kien deciz li l-kumpannija taghlaq ghal kollox kif fil-fatt gara fl-ahhar tal-2012.

Kienu esebiti r-*report and financial statements* tal-kumpannija ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2011 (Dok F) u d-*draft trading and profit and loss account* ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2012 sad-19 ta` Frar 2013 (Dok G).

Skond id-*director`s report* inserit fid-Dok F jirrizulta li *the loss on the company`s activities for the year after taxation amounted to €12,206 (2010 : Loss of €15,423).* Dan huwa rifless fl-*statement of comprensive income.* Il-kwadru li johrog minn dawn l-*accounts* huwa ta` kumpannija li mhijiex qeghda tiggenera bizzejjed dhul biex thallas id-djun taghha u tmexxi `l quddiem in-negozju taghha u dan minn ezami komparattiv tas-snin 2011 u 2010. It-telf baqa` evidenti ukoll matul it-tlettax-il xahar ta` bejn l-1 ta` Jannar 2012 u 19 ta` Frar 2013. Fil-fatt naqas ghal €10,811 anke ghaliex naqset l-attivita` tal-kumpannija. Fl-istess waqt il-*current liabilities* ghall-istess perijodu telghu ghal €114,906 imqabbel mal-€106,210 ghas-sena 2011.

Jirrizulta li n-negozju tal-kumpannija huwa wieqaf. Ghax ma hemmx attivita` ekonomika, mhux se jkun hemm *revenue* u wisq anqas qligh biex jithallas id-dejn. F`waqtha d-decizjoni tal-azzjonisti li tittiehed ir-rizoluzzjoni straordinarja tad-19 ta` Frar 2013 anke fl-interess tal-kredituri. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi ghandha tghaddi ghax-xolijiment u stralc tal-kumpannija.

**In vista tal-premess, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi –**

**Fl-ewwel lok, bl-applikazzjoni tal-Art.218(1)(a) u l-Art.214(1)(a) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija The 2nd Agent Limited (C32126), b`effett mid-19 ta` Frar 2013, skond it-tieni proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 ;**

**Fit-tieni lok, tahtar lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala stralcjarju bis-setghat u bid-dmirijiet kollha kif huma definiti fil-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Fit-tielet lok, tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------